**Il-Kantiku tal-Ħlejjaq, San Franġisk t'Assisi**

Mulej, int tajjeb, int l-aktar għoli, int kollok qawwa,
lilek infaħħru, ngħollu, nagħtu ġieh u nbierku.
Lilek biss, l-iktar għoli, jixraq infaħħru
u l-ebda bniedem m'hu den li jsemmik.
Inberkuk, Mulej, mal-ħlejjaq kollha tiegħek,
speċjalment oħtna u ommna x-xemx,
dawl għall-jum u dawl tiegħek għalina,
sabiħa, tiddi b'qawwa kbira,
turina l-kobor tiegħek.
Ħa jberkuk, Mulej, ħutna l-qamar u l-istilel
li int ħlaqt ċari, sbieħ, prezzjużi.
Ħa jberkuk, Mulej, ħuna r-riħ,
oħtna l-arja, is-sħab, il-bnazzi u kull temp
li bihom tagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha.
Ħa jbierkek, Mulej, ħuna l-ilma
tant utli u umli u prezzjuż u nadif.
Ħa jbierkek, Mulej, ħuna n-nar
sabiħ, ferrieħ, u qawwi u b'saħħtu,
li bih iddawwal il-lejl.

Ħa tbierkek Mulej, oħtna l-art
l-omm li titmagħna u tmexxina
u tagħtina kull tip ta' frott u ward ikkulurit u ħaxix.
Ħa jberkuk, Mulej, dawk li jaħfru għall-imħabba tiegħek
u jġorru mard u tbatija.
Imbierek min jerfagħhom fis-sliem
għax int tagħtih il-kuruna.
Ħa tbierkek, Mulej, oħtna l-mewt tal-ġisem
li minnha ebda bniedem ma jista' jaħrab.
Ġwaj għal min imut fid-dnub li joqtol,
barka għal min issibu fir-rieda qaddisa tiegħek,
għax l-infern ma jagħmillu ebda ħsara.
Faħħru u bierku 'l-Mulej tiegħi u rringrazzjawh
u aqduh b'umiltà kbira.
**Ammen**